# Smigħ Tikka Malti 2b

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/tikkamalti/2/podcasts.html**

## Taqsima 7: Kull kulur

*Paġna 5*

*Stefan:* Iġri jasal is-sajf!
*Klara:* Għaliex? Biex tibqa' rieqed?
*Sara:* Jew biex jilgħab bir-rota u t-*tablet*!
*Stefan:* Biex niekol il-ġelat.
*Klara:* Żaqqieq.
*Stefan:* Mela inti ma tħobbux?
*Sara:* Min ma jħobbux il-ġelat?
*Klara:* Jien inħobbu wkoll. L-oranġjo l-iktar li nħobb.
*Sara:* Dak tal-bettieħ! Jien tal-banana nħobb. Isfar ikun.
*Stefan:* Jien inħobb il-kannella, l-abjad u r-roża.
*Sara u Klara:* Taċ-ċikkulata, tal-vanilla u tal-frawli.
*Stefan:* U anke tal-ġellewż inħobb.
*Sara:* Il-mamà lilu tħobb l-iktar.
*Klara:* U anke l-papà. Kannella ċar ikun.
*Stefan:* Tafu liem għandi aptit bħalissa?
*Sara:* Il-mamà mhux se tħallik tieħu qabel Ġunju!
*Stefan:* U iva, imma xorta għandi aptit wieħed. Għandi aptit ġelat kbir kbir bil-kuluri kollha — isfar, aħdar, vjola, aħmar, kannella u abjad. Imbagħad fuqu jkollu xi gallettina taċ-ċikkulata u xi naqra krema wkoll!
*Klara:* M'intix żaqqieq int ukoll!
*Stefan:* Naħseb lilek mhix taqagħlek żaqqek araha!
*Klara:* Le ta. Jien banana se nieħu issa.
*Sara:* U jien tuffieħa.
*Stefan:* Uff kemm intom antipatki.
*Klara u Sara:* Int oqgħod oħlom bil-ġelat.

*Paġna 10*

Dan il-buffu jismu Ronnie. Għandu qalziet qasir aħmar bit-tikki. Kull tikka hija safra. Il-qmis hija blu u l-buttuna hija ħadra. Liebes kappell żgħir iswed tuta u parrokka safra lellux. Ara mnieħru aħmar nar! Iż-żarbun kbir u lewn iċ-ċikkulata u f'idu għandu żewġ bżieżaq: waħda roża u l-oħra ċelesti.

*Paġna 14*

**Il-kejk favorit tiegħi**

Il-kejk favorit tiegħi huwa l-kejk taċ-ċikkulata. Iċ-ċikkulata tinżilli għasel. Imbagħad jekk il-kejk ikollu biċċiet taċ-ċikkulata bajda ġo fih … hmmmmm! Qatt doqt xi wieħed? Ġeneralment ikun tond, imma ġieli jkun kwadru wkoll. Insomma jista' jkollu ħafna forom. Jista' jkun forma ta' qalb, jew ta' kastell, jew ta' xi annimal. L-importanti li jkun taċ-ċikkulata. Il-mamà taf tagħmlu tajjeb ħafna, imma tan-nanna, għidli x'qed tiekol! Kull meta mmur għand in-nanna Grace niekol biċċa kejk taċ-ċikkulata imżejjen biċ-ċikkulata mdewba. Dejjem ikollha wieħed lest apposta għalija. Inħobbha wisq lin-nanna Grace.

## Taqsima 8: L-annimali

*Paġna 15*

Kemm hi twila l-ġiraffa! U kemm għandha linji ż-żebra! Xi ġwinħajn għandha l-ajkla! Issa, immaġina annimal b'ħafna annimali. Mhux qed tifhimni? Ħalli ngħidlek kif. Ejja nibdew minn rasu. Wiċċu u għonqu ta' ġiraffa — twil, twil, twil! Widnejh ta' ħmar — tgħidx kemm jisimgħu. Żaqqu tkun ta' żebra, kollha strixxi bojod u suwed. Minn dahru joħorġu żewġ ġwienaħ kbar kbar kbar ta' ajkla. Xi ġmiel! Saqajh ta' quddiem ta' ljun u ta' wara ta' ljunfant. U denbu ta' kukkudrill. Ikun qisu xi super-annimal dan! Tgħid veru għad ikollna annimali hekk xi darba? Tgħid ikun itir, jimxi jew jitkaxkar? Ikun jgħix fid-dar jew barra? U tgħid xi nsemmuh?

*Paġna 20*

Hemm razzett ftit 'il bogħod minn fejn noqgħod jien li huwa ta' Kolina. Dan razzett antik ħafna. Fil-bidu nett kien tan-nannu ta' Kolina, imbagħad ta' missierha u issa sar kollu tagħha. Tgħidx kemm għandha annimali! L-aħħar darba ħadni l-papà u Kolina tatni ftit ikel biex inkun nista' nitma' l-annimali. "Tagħtihomx wisq," qaltli. "Għax dawn żaqqiqin." Bdejna mill-ħmara li għandha felu, imbagħad il-mogħża li għandha gidi, wara n-nagħġa li għandha ħaruf u l-ħanżira li għandha qażquż … imbagħad ġiet titħaxken magħna l-qattusa ġinġrija u warajha ġew il-frieħ tagħha. U kif ratna nilagħbu magħhom, ġiet il-kelba tifraħ bina. Jisimha Kiksi u aqta' xiex? Għandha ġeru qisu *soft toy*. Dakinhar domna nofstanhar sħiħ fir-razzett ta' Kolina u qabel tlaqna qaltilna, "Ejjew meta tridu. Kif qed taraw għandi ħafna lil min nitma'!"

*Paġna 22 (a)*

It-tiġieġa tqaqi.
Il-kelb jinbaħ.
Is-serduq jidden.
Il-pespus ipespes.
L-għasfur jgħanni.
Il-papra tlaqlaq.
Il-qattus inewwaħ.
iż-żunżana żżanżan.
Il-ħmar jinħaq.

*Paġna 22 (b)*

**L-għanja tat-tiġieġa** *ta' Trevor Żahra*

*Paġna 23*

*Kiku:* Kiku, kiku, kiku jien. Kiku sabiħ. Kiku bravu. Kiku jkanta … *Mobile, mobile* ... Il-*mobile* ta' John. *Hello*. *Hello*. Kiku bil-ġuħ. Bil-ġuħ. Bil-ġuħ.
*John:* Int se toqgħod ftit bi kwietek?
*Kiku:* Bi kwietek.
*John:* Hawn ara, għandek l-ikel.
*Kiku:* Bil-ġuħ, bil-ġuħ.
*John:* Iva, issa kul.
*Kiku:* Grazzi Sur John.
*John:* U ħallik mis-Sur.
*Kiku:* Ħallik mis-Sur.
*John:* Eħħ x'fik!

## Taqsima 9: L-ikel

*Paġna 25*

Illum Klara ġiet mill-iskola u qaltli li kellha bżonn tixtri xi affarijiet. Se jsajru xi ikel biex ibigħuh lill-ġenituri u t-tfal tal-klassijiet l-oħra u bil-flus jirranġaw il-bitħa. Lanqas naf x'ma semmitlix! Flixkun żejt taż-żebbuġa, pakkett għaġin, bott tadam, bott żebbuġ, bott tonn taż-żejt. Naħseb xi platt għaġin se jsajru. Dak inħobbu jien! Imbagħad semmietli pakkett ross, u bott zalzett — naħseb se jsajru r-ross ukoll! Imbagħad anke pakkett ċereali u vażett bil-ġamm semmietli, u pakkett te u vazett kafè. Nispera li mhux qed tivvinta xi waħda minn tagħha dik Klara! B'dan l-ikel kollu se jitimgħu raħal sħiħ!

*Paġna 32*

**Il-kebabs tal-frott**

1. Poġġi l-istikek tal-injam fl-ilma.
2. Qatta' t-tuffieħa.
3. Qatta' l-banana.
4. Qatta' l-frawli.
5. Agħsar il-meraq tal-lumi fuqhom.
6. Aqbad stikka u daħħal biċċa tuffieħa, banana u frawla.
7. Irrepeti għal kull stikka.

*Paġna 34*

**Ikla fuq il-bejt**

Ara ftit! Hemm il-familja kollha ta' Albert u Nina. In-nanna u n-nannu tagħhom, il-mamà, il-papà ... qed jieklu barra llum. Le, mhux barra f'restorant. Barra ... fuq il-bejt. Illum ġurnata sabiħa u meta tkun ġurnata bħal din Michael dejjem joħroġ b'din l-idea ta' barbikju fuq il-bejt. Jistieden il-familja. Biex jixwi l-laħam in-nannu l-ewwel jieħu! U n-nanna tgħidx kemm tħobb tiekol. Araha tiekol iz-zalzett. Taħt il-mejda hemm it-tfal: Albert u Nina. Jippreferu jilagħbu milli jieklu. Ifhmuni, tfal huma. Dawk il-pupi tajthomlhom jien. Jien Steve bilħaqq. Il-ġar. Xi kultant anki jien nistieden il-ħbieb u nagħmel ikla fuq il-bejt. Imma jien dejjem attent li ma neħxienx. Nippreferi mmur xi mixja milli noqgħod niekol.

## Taqsima 10: In-numri

*Paġna 35*

*Bħalissa l-persuna li qed iċċempel ma tistax tirrispondik. Jekk jogħġbok ħalli l-messaġġ tiegħek wara l-ħoss.*

Nann, nann, isma' ħa ngħidlek x'ġara llum. Imbagħad ċempilli, ok? Kemm jien ferħana! Illum irbaħt logħba passju. Inti kont tilagħbu? Naħseb hux? Għax dak antik! Illum konna jiena, Sara u Mikela. Sara waslet san-numru 6 u waqgħet, Mikela waslet san-numru 3 u waqgħet. Kellhom jerġgħu jibdew mill-bidu. Jien bqajt għaddejja san-numru 9. Trid tarani nitfa' l-ġebla fuq in-numru 1 u naqbeż fuq in-numri kollha bla ma naqa', imbagħad fuq in-numru 2, u fuq in-numru 3  san-numru 9 ... lanqas darba ma waqajt ... u ġew ħafna tfal jarawna nilagħbu. Xi darba nilagħbu flimkien, trid? Int għadek taf taqbeż? U trid tgħidli biex kont tilgħab meta kont iżgħar ta. Se mmur issa nann. Ċempilli!

*Paġna 36*

**Ċetta u n-numri**

Darba kien hemm Ċetta
U bi żball kielet sarvetta,
Minn platt spagetti kielet tnejn
U fniek tlieta — mhux bid-dieta!
Erba' bananiet mill-kbar
Karawett, ħamsa miż-żgħar
Larinġiet belgħet xi sitta
Wara seba' sapuniet
Tmienja kielet żebbuġiet
Disa' ħobżiet u ġbejniet għaxra
U lanqas setgħet toħroġ mid-dar!

*Paġna 39 (a)*

*Dina:* Illum l-iskola kellna kompetizzjoni tal-ġiri.
*Dino:* Naf Dina! Jien mhux miegħek kont?
*Dina:* Jien mhux lilek qed ngħid. Qed ngħid lit-tfal!
*Dino:* Mela għidilhom x'għamilt ukoll ...
*Dina:* U le nistħi.
*Dino:* Isa, għidilhom, inkella ngħidilhom jien.
*Dina:* Uuu, nistħi ngħidilhom li ġejt l-ewwel.
*Dino:* Ħeħe, qed tara, xorta għedtilhom!
*Dina:* Dejjem taqbadni int. Issa ngħidilhom min ġie t-tieni wkoll mela.
*Dino:* Agħmel inti!
*Dina:* Dino ġie t-tieni! Għal naqra ma leħaqnix.
*Dino:* Għall-bidu ħsibt li se jilħquk Krista u Emma.
*Dina:* Krista ġiet it-tielet u Emma r-raba'. Għal naqra ma leħqunix, veru!
*Dino:* Marco, Chris, Fae u Mae kif ġew?
*Dina:* Marco u Chris ġew fis-sitt post, Fae qabilhom — fil-ħames post — u fis-seba' post Mae.
*Dino:* Hekk hu. Tina u Nina fit-tmien u d-disa' post ...
*Dina:* U fl-għaxar post?
*Dino:* Fl-għaxar post ma ġie ħadd ... għax Marco u Chris it-tnejn li huma ġew fis-sitt post.
*Dina:* Għal tikka Dino kont tiġi l-ewwel miegħi!
*Dino:* U b'daqshekk. Jien kuntent li inti ġejt l-ewwel.

*Paġna 39 (b)*

**Pinġi l-kaxxi biex tgħin lil Marta titla' t-taraġ:**

L-ewwel tarġa hija sewda, it-tielet tarġa pinġiha vjola u t-tieni tarġa blu. Il-ħames tarġa agħmilha safra, ir-raba' tarġa roża u s-sitt tarġa oranġjo. Marta jonqosha ftit ieħor isa. Is-seba' tarġa kannella, id-disa' tarġa ħadra, it-tmien tarġa pinġiha bajda u l-għaxar u l-aħħar tarġa griża. U hekk Marta telgħet it-taraġ kollu.

*Paġna 41*

Fis-siegħa twieled dudu,
fis-sagħtejn beda jitwal,
fit-tlieta kellu mara
u fl-erbgħa kellu t-tfal,
fil-ħamsa ħassu ħażin,
fis-sitta ġabulu t-tabib,
fis-sebgħa miet,
fit-tmienja ħaduh,
fid-disgħa difnuh,
u fl-għaxra kiluh.

*Paġna 42*

*Nanna:* Kevin Kevin, mhux qed inħossni tajba wisq.
*Kevin:* Ħa nċempel lill-mamà. 9989994998 … Mhux tirrispondi nann.
*Nanna:* Mela ħa ngħidlek ftit x'tagħmel Kevin. Ċempel l-emerġenza. Tafu n-numru?
*Kevin:* Iva, 112 ...
*Leħen:* L-Emerġenza.
*Kevin:* Jiena Kevin Żammit. In-nanna mhux qed tħossha tajjeb.
*Leħen:* Tista' tgħidilna minn fejn qed iċċempel jekk jogħġbok?
*Kevin:* Mid-dar. L-indirizz huwa: 22, Triq il-Fjuri, in-Naxxar.
*Leħen:* Tajjeb Kevin. Int ibqa' ħdejn in-nanna. L-ambulanza qiegħda fit-triq.
*Kevin:* Grazzi ħafna.

*Paġna 44*

Trid tmur f'dinja fantastika? Mela ċempel 686868686868 u tkun tista' tara b'għajnejk affarijiet li ma jitwemmnux. Id-dinja Ċiċċirella teżisti tassew. Hija dinja mimlija kuluri fejn tista' taqbeż minn fuq sħaba għal oħra u tiżżerżaq fuq il-qawsalla. Tista' tiltaqa' ma' ħafna tfal u tagħmel ħbieb ġodda. X'għedtli? Xi smajtek tgħid? X'qed tistenna, aqbad dak it-telefown u ċempel issa stess: 686868686868. Esperjenza ta' darba. Iġġib għajnejk wara widnejk. Għadek ma ċempiltx?

## Taqsima 11: Il-ġimgħa tiegħi

*Paġna 45*

Dan Ġuġù l-*hamster*. Il-ġimgħa tiegħu ma tantx tinbidel. Dejjem bl-istess rutina, imma l-ġimgħa l-oħra kienet waħda speċjali:

Il-Ħadd filgħodu qagħad jiġri u filgħaxija qagħad jiekol.
It-Tnejn filgħodu rieqed kien u rieqed baqa'. Kultant dan Ġuġù jorqod wisq. Filgħaxija qagħad jaħseb: *Jaħasra issa kieku għandi xi* hamster *ieħor … biex noqgħod miegħu.*
It-Tlieta filgħodu m'għamel xejn ħlief jogħdos fiċ-ċana u filgħaxija ra x'se jaqbad jiekol.
L-Erbgħa filgħodu l-ħolma saret realtà. Ma' wiċċu sab *hamster* ieħor. L-Erbgħa filgħaxija Ġuġù ma marx jorqod waħdu. Miegħu kien hemm Sufu.
Il-Ħamis filgħodu lil Sufu kien għadu ma drahx. U mar jiekol waħdu! Anke filgħaxija mar jilgħab waħdu wkoll.
Imma l-Ġimgħa filgħodu, Ġuġù ħalla lil Sufu jiekol mill-ikel tiegħu u filgħaxija bdew jitkellmu.
Is-Sibt filgħodu qagħdu jilagħbu fiċ-ċana u filgħaxija Sufu tgħidx kemm ġera fuq ir-rota.

*Paġna 47*

**L-għanja tal-Qattus** *ta' Trevor Żahra*

*Paġna 54*

**Il-ġurnata u x-xogħol tal-pulizija**

Eħħ, kif għajjejt. U żgur, ili xogħol mill-ħamsa. Le, mhux ta' filgħaxija. Ta' filgħodu. Illum l-għassa kelli noqgħod. L-ewwel niffirma. Dik l-ewwel ħaġa li nagħmel dejjem! Imbagħad kelli ħafna karti xi ndur u nirranġa. Ġew xi tnejn iħallsu ċitazzjoni. Wieħed ipparkja ħażin u l-ieħor ma saqx kif suppost. Fil-klassi hemm ir-regoli u trid tobdihom, u anke fit-triq. Imbagħad xis-sagħtejn, kif kont se niekol biċċa ħobż, ġiet mara tirrapporta lil ta' maġenbha. Din Lucy mhux l-ewwel darba li ġiet tirrapporta: daqqa lil ta' ħdejha, daqqa lil ta' fuqha ... ġieli anke darbtejn f'ġurnata ġiet. Ikolli nieħu paċenzja u noqgħod nismagħha. Daqqa mmur jien nara xi jkollha bżonn u daqqa jmur is-surġent. Skont kif jgħidilna s-surġent. Anke aħna jkollna nobdu, għax is-surġent jikkmanda l-għassa. Meta tlaqt m'għand Lucy għamilt dawra mal-ġnien għax hemmhekk ġieli jkun hemm xi tfal imqarbin qed jaqilgħu l-fjuri jew jgħaffġu fil-ħamrija. Imma llum ma kien hemm ħadd. Imbagħad mort lura l-għassa u komplejt nirranġa l-karti. Issa għada mhux l-għassa se nkun. Għandu jasal kantant famuż u jridu ħafna pulizija għassa, għax dan kantant famuż ħafna ħafna u se jkun hemm ħafna nies. Kulħadd ikun irid il-firma tiegħu u kulħadd ikun irid jieħu ritratt! Mele se mmur norqod issa, ħalli għada nqum b'ħafna enerġija.

## Taqsima 12: Waslu l-vaganzi

*Paġna 55*

**Waslu l-vaganzi**

Waslu l-vaganzi ħi! Daqshekk skola issa. Issa ġelati tat-tazza mimlija frott u lewż, jew inkella ġelati tal-istikka biċ-ċikkulata tqarmeċ. Mmmmm kemm inħobbu l-ġelat! U l-granita, u l-ħobż biż-żejt u ż-żebbuġ, il-ħjar, it-tadam. Waslu l-vaganzi ħi! Tlaqna sal-baħar. Fis-sajf kuljum immur ngħum. Daqqa fuq ir-ramel u daqqa fuq il-blat. "Skont ir-riħ," hekk tgħidli l-mamà. Nipprepara l-basket minn filgħaxija, qisni sejjer l-iskola imma ma mmurx skola ovvjament. Le stenn, x'qed ngħid. Fis-sajf immur Skolasajf. Dażgur li mmur skola fis-sajf. Imma Skolasajf differenti mill-iskola tax-xitwa. Noqogħdu nilagħbu u nkantaw u npinġu ... tal-ġenn Skolasajf. Jiħduna l-baħar u l-mużewijiet u nagħmlu xi reċta wkoll. Imbagħad wara l-iskola mmur il-baħar. Hekk inqattagħhom il-vaganzi tas-sajf. Filgħaxija nipprepara l-basket għall-iskola u kif niġi nipprepara l-basket għall-baħar: nitfa' l-kappell tat-tibna, in-nuċċali tax-xemx u niġi qisni kantant famuż meta nilbsu, nitfa' l-krema biex nindilek minn rasi sa saqajja ħalli x-xemx ma toħodnix, ix-xugaman, il-pala, il-barmil ... basket sħiħ ikolli! Tlaqna ngħumu ħi!

*Paġna 57*

**Uff xi sħana!**

Il-mamà, Mina, tmur tixtri flokk biċ-ċingi roża u flokk tan-nofs komma blu. Tixtri wkoll libsa ħafifa safra u libsa rqiqa ħadra. Il-bermuda qasir tixtrih ukoll. U anke d-dublett tal-frilli. Ma tinsiex tixtri nuċċali tax-xemx u kappell tat-tibna. Dawk tajbin għall-baħar! Għat-tifel, Nino, tixtri beritta. Għat-tifla, Lara, tixtri sandli lewn il-ġelat tal-frawli.

**Mit-turretta**

Tridux titilgħu miegħi sat-turretta? Din hija t-turretta tiegħi u fiha nqatta' ġranet sħaħ. Hawn ara, għandi t-tromba biex biha nkun nista' nara sew dak li qed jiġri fuq il-bajja u fuq il-baħar. Min ikun qed jilgħab fuq ir-ramel, min ikun qed jgħum, min ikun qed jixxemmex taħt l-umbrella! Dejjem tajjeb li toqgħod taħt l-umbrella fis-sajf. Fix-xemx m'għandekx tqatta' ħafna ħin għax tgħidx kif tieħdok. Jien dejjem għaż-żiffa hawn fuq u dejjem fid-dell ukoll. Apparti hekk nindilek sew u nilbes il-beritta u n-nuċċali tax-xemx. Xi kultant ikolli ġranet kalmi. Bħal dik tal-lum. Imma ġieli jiġru ħafna affarijiet bħall-ġimgħa l-oħra. Kien hemm ġurnata minnhom fejn kollox beda jinqala': wieħed mess ma' brama u tgħidx kemm beda jgħajjat. Ġrejt ġirja għalih u tellajtu fuq ir-ramel. Imbagħad sprejjajtlu l-*foam* tal-lejħa. Kien hemm xi ħadd li qata' siequ bi ħġieġa. Ħadt id-diżinfettant u nfaxxajthielu. Kien hemm tifla ntilfet ukoll u l-bajja kollha semgħetha tibki. Imma jien insolvi l-problemi ta' kulħadd. Il-ġenituri tagħha kienu qed jixtru ġelat u ma setgħetx tarahom. Sibniehom ukoll. Insomma. Hekk hux. Din hija l-ġurnata tiegħi. Ħa nara ftit x'qed jiġri hemm barra issa … ma tridx tara int ukoll hux? Hawn ara, għandek it-tromba.